# GŻEJJER ŻGĦAR FL-IMPERU NGLIŻ

Ara taħsbu li Malta hija l-iżgħar gżira tal-Imperu. Wieħed li mar iżurha, kiteb fil-"United Empire" ta' Ġunju, fuq il-gżira ta' TIN CAN, il-gżira tal-laned tal-pitrolju, imsejjħa hekk għax ma tarax ħlief laned kull fejn iddawwar wiċċek. Fil-kotba, isimha NIAFU u tiġi għan-naħa tal-Awstralja.

Din il-gżira għandha għamla ta' ċirku daqs mil u nofs wiesa'u f'nofsha, hemm maħbar ta'tliet mili ta' ilma salmastru li ma jinxtorobx. Madwar l-elf u mitejn ruħ igħixu fuq din il-gżira, u billi ma hemmx għejjun, in-nies tiġbor l-ilma tax-xita f'kaxex kbar tal-ħadid, fi bjar mibnija, u f'kull ma jista' jżomm qatr'ilma. In-nies maqsuma fi tmien irħula u x'jieklu u x'jixorbu ma jonqoshom qatt. Taħkem fuqhom Reġina li tiġi magħżula mill-Kuruna Ngliża... Pulitka xejn li xejn, għax ma hemmx fuqhiex. In-nies kollha suwed barra minn ħames bojjod, tnejn għall-kummerċ, qassis Nisrani, u żewġ sorijiet. Għas-suwed hemm maġistrat, tlieta tal-pulizija u wieħed jaħdem l-istazzjon tar-radjo, biex jitkellem ma' xi vapur għall-bżonn, ingħidu aħna għal xi għajjut, għax għandhom fil-ġenb daqsxejn ta' munġbell li kull tant jaf jagħmel tiegħu.

L-aktar li hemm, siġar tal-palm, tal-ġewż tal-Indji, għoljin mal-ħmistax jew tmintax il-pied jew aktar. Il-frotta daqs bettieħa,għandha qalbha tittiekel u fin-nofs iżżomm daqs nofs ilma ħelu li jaqta' l-għatx. Frott ieħor ma jonqosx. Il-bieba tal-ġewża tal-Indji li ma tittekilx tinġabar u tinbigħ tajjeb taħt l-isem ta' *kopra*, polpa bajda li minnha jagħsru ż-żejt tal-koka li l-lum jidħol f'mitt ħaġa u jiswa l-flus.

Din il-polpa tinġabar, titnixxef u titgħabba għal barra. Għalhekk, vapuri u bastimenti sikwit jersqu lejn il-gżira.

Billi ma hemmx daħliet fil-gżira, il-vapur iżomm il-barra għax jibża' mill-blat u s-suwed imorru biċ-ċattri biex jatuh il-kopra. Mita l-vapur iġib il-posta ma jinħtiġux ċattri. Il-ittri u ħwejjeġ żgħar bħal dawn, jingħalqu f'laned tal-pitrolju marbuta b'għuda twila li tinżamm fl-id ix-xellugija barra mil-baħar biex ma jxarrbux ta' ġo fiha. U s-suwed igħumu biex jieħdu l-posta u biex iġibuha l-ura.

L-isem ta' TIN CAN Island (gżira tal-landi tal-pitrolju) ġejja x'iżjed minn dan il-mod li titqassam il-posta, għax l-ewwel ħaġa li jara min jasal hemmek, huma n-nies ġejjin igħumu bil-laned fl-ajru.

Min joqgħod ftit f'din il-gżira jara ħwejjeġ oħra li jolqtuh. Hemm igħix fl-ilma salmastru qabru kbir daqs platt talmejda li jarawh tiela' mas-siġar tal-palm ifittex il-ġewż tari, jiftħu u jeklu mqar jekk is-siġra tkun għalja 70 pied.

Hemm ukoll għasfur li ta' min isemmih. Dan semmewh *Malaw* u kullħadd mistagħġeb kemm ibati biex iżomm irrazza. Tarax! Jibda biex fil-blat artab iħaffer fond ta' xi sitt piedi fejn għandu jbid. Għad li dan il-għasfur mhux akbar minn ħamiema, il-bajda tiegħu daqs tat-tiġieġa darbtejn. Kull darba jbid tmien bajdiet, għat-tqegħida. L-ewwel bajda jitlaqa' fil-qiegħ tal-ħofra u jgħattiha bi tmien pulzieri trab. Mita jiġi biex ibid it-tieni, jibda biex jaqla' barra t-trab u l-bajda tal-ewwel u fil-qiegħ jitlaq it-tieni bajda u fuqha jpoġġi l-bajda tal-ewwel u t-trab li qala'. Għat-tielet bajda, jagħmel l-istess biċċa xogħol. Jaqla' kull ma kien qiegħed qabel, u l-bajda li jbid jitlaqa' f'qiegħ il-ħofra. Hekk jibqa' sejjer sa ma jeħles mit-tmien bajdiet, aqla' u ibni u fl-aħħar jordom kollox b'xi pied u nofs trab. Wara dil-biċċa xogħol ma jfittxux iżjed il-bajd, B'dana kollu l-bajd ifaqqas. Il-flieles malli jonqbu għandhom biċċa xogħol biex joħorġu minn dak it-trab li ommhom kienet gezzet fil-ħofra. Naqqar u mbotta,sa fl-aħħar jaslu f'xifer il-bejta u jistrieħu u jinxfu fix-xemx. Mita jsibu ruħhom niexfa u mimlija binnifs, jitilqu jaħsbu għal rashom. Ara kif l-Imgħallem jaħseb f'kullħadd u jati d-dehen lill-anqas tajra li bla għajnuna ta' ħadd toħroġ minn pied u nofs trab fejn ommha ħalliehta midfuna għal żmien twil.

T. Z.

9. 7. 31